MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 12/2015

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl- 25 ta' April, 1982, fil-Kappella ta' San Alwigi Birkirkara, Malta, minn liema zwieg twieldu zewgt itfal, Andre u Aimee, it-tnejn huma maggiorenni. Jinghad li t-tfal kienu maggiorenni meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datat 24 ta' Novembru, 2011, kopja legali tal-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A"; izda r-rikorrenti tikkonferma bil-gurament taghha li hija telqet mid-dar matrimonjali f'April 2010 u konsegwentement il-partijiet ilhom separati ghall-iktar minn erba' snin.
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikorrenti ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom iktar minn erba (4) snin separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi skont il-klawsola hamsa (5) tal-istess kuntratt il-partijiet rrinunzjaw b'mod definit milli jitolbu u/jew jircievu l-manteniment minghand xulxin;
5. Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe X;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tiddikjara li r-rikorrenti rrivertiet ghal kunjom xbubitha u cioe X;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha iddikjara li ma jopponix ghat-talbiet tar-rikorrenti purche' l-ispejjez legali tal-imsemmija proceduri ma jigux imposti fuqu;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Jannar, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Novembru, 2011, izda ir-rikorrenti ikkonfermat bil-gurament illi telqet mid-dar matrimonjali f’April 2010;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ X, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------